MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 382/2008

**A B C nee' D**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mark Busuttil**
**u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina kuraturi**
**deputati nominati**
**biex jirrapprezentaw lill-assenti E F.H. B C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta (2006) l-esponenti zzewget lil E F.H. B C b' rit civili fir-registru taz-zwieg, il-Belt Valletta (ara Dok. A hawn anness);

2. Illi l-esponenti m' ghandha ebda wild;

3. Illi l-esponenti iltaqghet mal-konvenut madwar sitt xhur qabel ma zzewgu fil-facilita’ korrettiva ta’ Kordin tramite habib tal-konvenut li kien imur izuru;

4. Illi l-konvenut kien qieghed jiskonta sentenza fil-facilita’ korrettiva ta’ Kordin (vide kopja tas-sentenza annessau mmarkata Dok. B) u l-esponenti kienet tithassru hafna;

5. Illi l-esponenti kienet tiltaqa’ mal-konvenut fil-visiting hours assenjati lil konvenut u minghajr ebda hsieb u f’ mument ta’ follija iddecidiet li tizzewgu;

6. Illi sa l-ahhar mument meta hargu l-konvenut mill-habs biex jigi kkontrattat iz-zwieg de quo, l-esponenti kienet konvinta li kienet qed tghaggel hafna u minghajr ebda evalwazzjoni serja u matura tal-pass li kienet ser tiehu, pero’ ma ridetx terga lura peress li kienet ftehmet mal-konvenut;

7. Illi meta hareg mill-habs il-konvenut kellu bilfors jirritorna lejn il-Libja. L-esponenti ghamlet xi zmien tghix mieghu gewwa Tripoli pero’ kellha tirritorna lura peress li kienet thoss in-nuqqas tal-familja taghha u kienet ormaj konxja tal-fatt li certament ma kinitx taf x’ kienet qed taghmel meta zzewget il-konvenut u ghaldaqstant irritornat lura Malta;

8. Illi l-esponenti m’ ghandhiex kuntatt mal-konvenut u ma tafx fejn tista’ taghmel kuntatt mieghu u ghaldaqstant kontestwalment ma’ dan ir-rikors qed tipprezenta rikors iehor sabiex jigu appuntati kuraturi biex jirraprezentaw lil kuratur peress li l-istess hu assenti minn Malta;

9. Illi l-kunsens tal-esponenti kien ivvizzjat minn nuqqas ta’ konsapevolezza dwar il-kwalitajiet rispettivi tal-partijiet, minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, u minn nuqqas ta’ setghat ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq il-kunsens ghaz-zwieg;

10. Illi l-konvenut huwa ta' twemmin Musulman u ghalhekk meta kkontratta l-imsemmi zwieg la kellu l-hsieb li z-zwieg jkun permanenti ghall-hajja u lanqas li ma jistax ikollu izjed minn mara wahda fl-istess hin. Dan ifisser illi fil-mument tal-kontrattazzjoni taz-zwieg il-konvenut ma kellu l-ebda intenzjoni li jghix hajja mizzewga hekk kif kontemplata fil-Ligi nostrana, u li l-kunsens kien vizzjat specjalment fil-kuntest ta' l-artikoli 19(1)(c), (d), (f), u (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant fil-mument taz-zwieg minn naha taz-zewg partijiet, kien hemm nieqes element essenzjali ghal validita' taz-zwieg, il-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat, u l-esponenti ghalhekk titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti tas-sitta ta' Frar, elfejn u sitta kien ivvizzjat ghar-ragunijiet premessi u ghaldaqstant tiddikjarah null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li tinsab a fol.40 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illli permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-6 ta' Frar 2006 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [c][d][f] u [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Frar 2006, meta allura l-attrici, cittadina maltija, kellha 18-il sena, u l-konvenut assenti, cittadin Libjan, kellu 25 sena, u wara li kienu ilhom '<u>ikellmu</u>' lil xulxin circa seba' xhur.

Wara konvivenza qasira ta' ftit xhur il-partijiet isseparaw de facto.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tispjega li hija kienet iltaqghet mal-konvenut fil-habs peress li dan kien qed jiskonta sentenza sostanzjali ta' habs fuq akkuza ta' importazzjoni tad-droga. Hija kienet saret tafu ghax kien introducihulha habib taghha, u minn dakinhar kienet bdiet tmur ghall-vizti fil-habs. Ghalkemm ma kien hemm ebda kuntatt personali, il-partijiet kienu ddecidew li jizzewgu ftit xhur wara, b' tentattiv li jevitaw li l-konvenut jigi deportat. Di fatti huma zzewgu meta l-konvenut kien ghadu qed jiskonta s-sentenza fil-habs.

Sussegwentement, meta l-konvenut hareg mill-habs huma marru jikkonvivu flimkien; izda wara gimgha, kien gie deportat lejn il-Libja, u l-attrici segwietu hemmhekk; izda hemmhekk il-konvivenza kienet saret impossibbli, anke minhabba li l-konvenut kien involut f' attivita' kriminuza; u eventwalment wara disa' xhur, l-attrici nizlet Malta u tilfet kull kuntatt ma' zewgha.

Fl-affidavit taghha l-attrici tghid hekk: "Anke dak iz-zmien [qabel iz-zwieg] kont naf li kont qed naghmel zball kbir. Sa l-ahhar mument meta harguh mill-habs biex immorru l-Belt halli nizzewgu kont naf li kien ser jiddispjacini. Kont inhobbu, imma kont naf li kont qed naghmel zball. Komplejt ghaliex ghidt: 'la wasalt s' hawn inkompli.'"[1]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess jirrizulta car ghal din il-Qorti li dan iz-zwieg huwa null fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, liema *caput nullitatis* jezisti fil-konfront taz-zewg partijiet.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet, u b' mod partikolari l-attrici ma kinitx fehemet l-import tal-hajja konjugali, u l-Qorti zzid, ma apprezzatx bizzejjed il-konsegwenzi ta' l-azzjoni

[1] Aff. Fol.43

taghha. Minn naha tieghu jidher li l-konvenut ma fehemx is-sinifikat ta' l-obbligu tal-konvivenza matrimonjali diretta lejn il-Bessere reciproku; u meta sab ruhu l-Libja kien ittraskura lill-attrici li kienet tqatta' hafna hin waheda, u di piu' kien jinvolvi ruhu fi glied, tant li kien anke gie arrestat fi Tripoli.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-6 ta' Frar 2006.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------